MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 1298/2004/1

**Dr. Pierre Ellul M.D. ID 0071276M**
**u martu Christiane Ellul ID 436677M**

**vs**

**Alexis Bonnici**

**Il-Qorti,**

Fil-21 ta' Jannar 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' seba' mija u disa' liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm709.78c) rapprezentanti danni sofferti mill-istess atturi f'kollizjoni li sehhet fit-2 t'Ottubru, 2003 bejn Volkswagen Polo HAS

364 misjuqa mill-attur u Isuzu vann FAH 454 misjuqa mill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha eccepixxa li l-incident tat-traffiku in kwistjoni gara unikament htija ta' l-attur. Illi f'kull kaz trid issir il-prova dwar id-danni.

Sema' x-xhieda ta' PC 1078 Mario Ciantar, Dr Pierre Ellul, Alexis Bonnici u Nicholas Mercieca.

Ra d-dokumenti esebiti fil-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Yana Micallef Stafrace ghall-atturi u Dr Mark Mifsud Cutajar ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-vettura FAH 454 kienet qed tinstaq mill-konvenut. Huwa jahdem bhala *surveyor* u dakinhar ta' l-incident kien hemm bzonn li jaghmel xoghol ta' *surveying* f'proprjeta' biswit B'Kara *bypass* maghrufa bhala Triq Dun Karm. Huwa pparkja fuq il-bankina izda stante li l-vann huwa aktar wiesa' mill-bankina, parti mill-vettura sporgiet ghal fuq it-triq (bejn 15cm u 50cm) u b'hekk kienet qed timblokka parti mill-karreggjata ta' gewwa.

Il-lokal fejn sehh l-incident jikkonsisti f'*dual carriage way* u hemm zewg karreggjati f'kull naha tat-triq.

L-attur kien qieghed isuq fil-*bypass* ta' B'Kara sejjer mid-direzzjoni ta' l-Universita' lejn Hal Lija. L-incident gara qabel ir-*roundabout* fejn hemm il-hanut tal-Vodafone cjoe' ftit aktar 'il fuq bejn wiehed u iehor fin-nofs bejn iz-zewg *roundabouts* u sehhet fil-parti d-dritta tat-triq.

F'dak il-hin kien hemm hafna traffiku ghaddej fiz-zewg *lanes* tant illi ftit iktar lura mill-vettura ta' l-attur, fuq il-*lane* ta' barra kien hemm karozza tal-linja gejja fl-istess direzzjoni. Ftit qabel ma sehh l-incident, l-attur innota li kien hemm il-vettura Isuzu pparkjata kif gja' fuq spjegat u f'dak il-mument l-attur hares fil-mera u nduna li kien hemm

il-karozza tal-linja gejja warajh u b'hekk ma setax johrog 'il barra u mill-kalkolu li ghamel huwa hass li setgha jghaddi minn magenb l-Isuzu.

Fl-istess waqt pero' l-attur jallega li nfethet il-bieba ta' wara tal-passiggier u b'hekk din laqtet il-vettura tieghu. Huwa jallega li kien hemm xi hadd li fetah il-bieba. Wara din id-daqqa baqa' miexi ghal ftit, dar mar-*roundabout*, baqa' jsuq sakemm rega' pparkja mbaghad vicin il-vann.

Tkellmu z-zewg sewwieqa u ftiehmu li jmorru l-Ghassa biex jaghmlu r-rapport fejn fil-fatt sar ir-rapport.

L-attur jghid li hu kien miexi bi *speed* ta' sittin kilometru (60km) fis-siegha u mhux aktar u ghalkemm qabel l-incident naqqas il-velocita', huwa kellu joqghod attent li l-vetturi ta' warajh ma jibqghux diehlin go fih.

Il-konvenut xehed li huwa kien qed jaghmel is-*survey* u li kien ilu xi siegha pparkjat kif fuq spjegat. Meta huwa u siehbu lestew ix-xoghol, bdew izarmaw l-affarijiet u bdew miexjin lejn il-karozza. Huwa wasal fejn il-karozza, beda jdahhal l-affarijiet gewwa l-parti ta' wara tal-vann. Kien halla xi affarijiet fil-kaxxa tal-vann u beda jehodhom mill-kaxxa u jdahhalhom gewwa. Huwa jichad li f'xi hin dahal gewwa l-vann u jghid li f'kull hin huwa kien bil-wieqfa fit-triq bejn il-bieba miftuha u l-ispazju miftuh tal-vann. Imbaghad siehbu nnotalu li kien hemm il-karozza ta' l-attur gejja u li kienet se ttajru u ghalhekk il-konvenut ghalaq il-bieba aktar vicina lejh u ntaghfas mal-vann izda xorta wahda din il-vettura laqtet ix-xoffa ta' barra tal-bieba tieghu u b'hekk sehh l-incident.

Mid-dokumenti esebiti jirrizulta li l-hsara fil-vettura misjuqa mill-attur kienet mill-*headlamp* ta' quddiem u mal-genb tal-karozza lura.

Illi f'materja ta' kollizjonijiet bhal fi kwalunkwe kawza ghad-danni bbazata fuq tort, jispetta lill-attur li jgib il-provi rikjesti skond il-ligi biex juri li l-konvenut kien negligenti fil-grad li trid il-ligi. Il-piz tal-prova tispetta lill-attur u l-konvenut m'hu obbligat jipprova xejn jekk dan il-piz ma jintghelibx.

Fil-kaz odjern hemm konflitt bejn il-verzjoni ta' l-attur u dik tal-konvenut u f'dan ir-rigward ghalhekk it-Tribunal ezamina bir-reqqa d-*drivers' statements* kif rappurtati mill-pulizija meta z-zewg sewwieqa marru jaghmlu r-rapport.

PC 1078 Mario Ciantar xehed illi z-zewg persuni kienu marru jaghmlu rapport u huwa nizzel dak li qalulu z-zewg sewwieqa. L-attur qal:

"Kont niezel fid-direzzjoni ta' Hal Lija, fi Triq Dun Karm, B'Kara u nfethet il-bieba ta' vettura FAH 454 u hbatt maghha."

Il-konvenut qal:

"Jien kont qieghed indahhal oggett mill-bieba ta' wara tal-karozza tieghi li kienet ipparkjata fi Triq Dun Karm, vettura HAS 364 li kienet ghaddejja fid-direzzjoni ta' Hal Lija."

Dawn iz-zewg verzjonijiet huma l-istess verzjonijiet li bejn wiehed u iehor is-sewwieqa xehdu fil-kawza odjerna. Fic-cirkostanzi fuq premessi, t-Tribunal isostni li l-konvenut kien negligenti minhabba l-fatt li huwa qatt ma messu pparkja l-vettura tieghu f'B'Kara *bypass*. Din hija *highway*, hija *dual carriage way*, hija triq traffikuza hafna u t-traffiku jghaddi b'certi velocita' stante li m'hijiex *a built up area* w inoltre, m'huwiex permess li jsir xi forma ta' *parking* f'dik it-triq. Din hija triq li minn zmien ghal zmien jigi mtajjar *pedestrian* u kien totalment rrisponsabbli da parti tal-konvenut li okkupa l-bankina kollha u parti mit-triq bhallikieku ma kien xejn u jistenna li s-sewwieqa w anki l-*pedestrians* jbiddlu r-rotta taghhom bil-konsegwenti periklu ghalihom. It-traffiku li jkun ghaddej minn din it-triq qatt ma jistenna li jsib xi karozza pparkjata fil-karreggjata tieghu.

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-konvenut ipparkja hemmhekk minhabba xi emergenza, anzi huwa jghid li kien ilu pparkjat zmien twil u kien qieghed jaghmel xi xoghol. Ma kien hemm xejn x'jostakolah illi jipparkja iktar

‘il isfel u mbaghad imur bil-mixi ghall-post fejn ried jaghmel ix-xoghol.

It-Tribunal ihoss illi l-fatt li l-konvenut ipparkja b’dan il-mod, holoq periklu ghat-traffiku u zied il-potenzjal ghall-possibbli kollizjoni kif fil-fatt gara.

Ta’ dan ghandu jbati l-konsegwenzi.

Mill-banda l-ohra t-Tribunal jidhirlu li l-attur ghandu jerfa’ parti, l-parti l-kbira mill-htija ghall-incident in kwistjoni. Huwa kien qieghed isuq fi triq fejn kellu vizwali ragunevoli, l-incident sehh matul il-gurnata u m’hemm xejn fil-provi li jindika li l-vizwali tieghu kienet b’xi mod ostakolata. Qabel l-incident huwa nduna bil-vettura pparkjata u setgha waqqaf il-karozza qabel ma wasal hdejha izda minflok l-attur ghazel li jipprova jiskapulaha. Stante li kien hemm karozza tal-linja ghaddejja mil-*lane* ta’ barra, l-ispazju tieghu kien ristrett. Huwa ghamel *misjudgement* u kien minhabba f’hekk li ghadda vicin hafna tal-vettura pparkjata.

L-attur jghid li proprju f’dak il-mument kien hemm xi hadd gewwa l-vann tal-konvenut li fetah il-bieba tal-passiggier u b’hekk sehh l-incident, mentri l-konvenut jghid li l-bieba kienet gja’ miftuha w anzi fil-mument ta’ l-incident, kienet inghalqet xi ftit.

It-Tribunal jidhirlu li fil-fatt mill-provi prodotti, stante li l-hsara sehhet minn quddiem sa wara tal-vettura ta’ l-attur, il-probabbilta’ hija li l-bieba kienet gja’ miftuha qabel ma wasal hdejha l-attur u konsegwentament it-tezi tal-konvenut hija iktar probabbli fis-sens illi l-bieba kienet ftit miftuha qabel ma waslet hdejha l-vettura ta’ l-attur, izda t-Tribunal ihoss ukoll li jista’ jkun ukoll li din setghet infethet ftit iktar milli kkalkula l-attur, stante li l-attur ukoll kellu l-attenzjoni tieghu fuq x’qed jigri fit-traffiku ta’ warajh u ghal xi ftit mumenti l-bieba nfethet iktar milli kien ikkalkula l-istess attur. Tenut kont tal-premess, it-Tribunal jidhirlu li l-kollizjoni saret principalment tort ta’ l-attur minhabba nuqqas ta’ *proper lookout* u *misjudgement* u sekondarjament tort tal-konvenut li ghazel jipparkja fejn

qatt ma messu pparkja. B'hekk ir-responsabbilta' ghandha tigi apporzjonata kwantu ghal zewg terzi ($^{2}/_{3}$) ghall-attur u terz ($^{1}/_{3}$) ghall-konvenut.

Ghar-rigward tad-danni jirrizulta li dan il-*quantum* tad-danni mhux qed jigi kkontestat mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u sitta u tletin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm236.59c) rapprezentanti terz ($^{1}/_{3}$) tad-danni, bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez jinqasmu kwantu ghal terz ($^{1}/_{3}$) ghall-konvenut u zewg terzi ($^{2}/_{3}$) ghall-atturi."

Minn din is-sentenza appellaw iz-zewg kontendenti. Fl-appell principali tieghu l-konvenut jissottometti li l-kawza prossima ta' l-incident ma kienx il-mod ta' kif il-vettura tieghu kienet parkeggjata. Huwa ghalhekk jikkontendi li t-Tribunal kellu jsib htija eskluziva fl-attur. Dan minn naha tieghu jippretendi l-istess haga. Fl-appell incidentali minnu ntavolat l-attur isostni li l-incident sehh meta nfethet il-bieba tal-van tal-konvenut u hu ma setax jevita l-impatt;

Il-fatti huma sew ri-epilogati fis-sentenza appellata u mhux il-kaz li dawn jergghu jigu mtennija. Fuq il-bazi ta' dawn il-fatti t-Tribunal sab li z-zewg kontendenti kienu fi htija, ghalkemm fi grad differenti. Ma jistax qatt ikun dubitat illi l-accertament tan-ness ta' kawzalita` hu rizervat lill-gudikant li jkun qed jevalwa l-mertu u dan l-apprezzament tieghu hu nsindakabbli jekk jinstab li tali apprezzament hu sorrett minn motivazzjoni kongruwa u immuni minn vizzji logici;

Fil-kaz ta' kolpa akwiljana n-ness ta' kawzalita` jirriferixxi ghar-rapport li jorbot il-kondotta ma' l-event dannuz. Tali kondotta trid tigi valutata mhux biss fuq il-bazi ta' gudizzju *ex post* izda ghandha tigi konsiderata wkoll bi previzjoni *ex ante* ghall-event. Fil-kaz prezenti dak li ried jigi determinat bhala l-kawza unika u eskluziva ta' l-event

dannuz kienx il-fatt tas-sost tal-vettura tal-konvenut f' arterja principali tat-triq u l-ftuh *ex abrupto* tal-bieba, kif allegat mill-attur, li holoq emergenza subitanea jew invece kienetx il-kondotta fis-sewqan ta' l-attur b' mod tali li din l-istess kondotta ipprivat minn efficcjenza kawzali u rrendiet guridikament irrilevanti l-fatt tal-waqfien tal-vettura tal-konvenut u allura l-imgieba precedenti ta' dan bhala awtur ta' l-allegat illecitu;

Skond l-attur appellat l-kwestjoni riedet tigi valutata skond kriterji ta' verosimiljanza fuq l-istregwa ta' l-"*id quod plerumque accidit*". Issa huwa veru li kif posta minnu mhuwiex verosimili jew probabbli li vettura tidhol f' bieba miftuha. B' danakollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, anke jekk il-bieba nfethet ghal gharrieda, kif sostenut mill-appellat, dan ma jiddispensax lil min irid jiggudika milli jivverifika anke l-imgieba tal-konducent tal-vettura ghal fini li jistabilixxi jekk, in rapport ghas-sitwazzjoni tal-fatt accertat, kienetx tissussisti l-konkors ta' kolpa tal-konducent fid-determinazzjoni ta' l-event dannuz;

Din il-Qorti rriezaminat bir-reqqa l-provi kif ukoll ir-ragonament tat-Tribunal fis-sentenza appellata u ma jidhrilhiex li ghandha tiddissenti mill-konkluzjoni raggunta. Minn naha l-wahda l-konvenut appellant ma jistax jitrincera ruhu li hu ma kkommetta ebda vjolazzjoni tan-normi komportamentali. Intqal dan fis-sentenza fl-ismijiet "**Albert Grech -vs- John Attard**", Appell, 29 ta' Ottubru 1999:-

"Din il-Qorti ma tikkondividix il-fehma li l-waqfien f' post perikoluz ta' vettura, f' posizzjoni fejn ir-regolamenti kienu jivvjetaw is-sosta proprju biex ma jigux sorprizi vetturi ohra li kellhom kull dritt jippretendu li l-karreggjata tkun libera, u, *multo magis*, fl-arterji principali fejn hi wkoll konsentita certa velocita`, ma setax ikun fattur kontributorju li jipprovoka s-sinistru jew li kellu jigi biss konsidrat bhala agir kontravenzjonali li bl-ebda mod ma kellu xi rifless fuq ir-responsaiblita` ghas-sinistru";

Issa huwa veru li s-sost ta' vettura anke f' post ipprojbit ma jistax jigi konsiderat jissussisti "*in re ipse*" bhala xi kawza awtomatika ta' l-incident u tad-dannu izda jinnecessita l-prova esplicita illi tali sost ipprovoka l-incident jew ikkontribwixxa ghalih. Izda meta dan is-sost hu akkompanjat minn ftuh ta' bieba, u dan imprexxindibilment jekk dan il-ftuh kienx wiehed ghall-gharrieda jew le, allura mhux eskluz li dak is-sost u dak il-ftuh tal-bieba seta' ikkontribwixxa ghall-incident. L-argomenti dedotti mill-appellanti ma humiex tali li jiskossaw l-apprezzament li sar mit-Tribunal fir-rigward ta' l-addebitu ta' parti mir-responsabilita` fuq il-konvenut. Din il-Qorti hi sodisfatta li dan l-apprezzament, fuq ir-rizultanzi istruttorji, kien wiehed korrett;

Hekk ukoll, attiza c-cirkostanzi tal-kaz konkret, din il-Qorti ssib li t-Tribunal affronta sewwa r-responsabilita` ta' l-attur u kif il-kondotta tas-sewqan tieghu nseriet ruhha fil-kwadru generali tas-sinistru. It-Tribunal sab htija magguri fl-attur ghaliex dan, ghalkemm konxju mill-waqfien tal-van tal-konvenut u accettata t-tezi tal-konvenut li l-bieba tal-van tieghu kienet gja miftuha, ghamel kalkolu zbaljat u ma zammx "*a proper look out*", forsi wkoll ghax kien apprensiv u mifxul mix-*charabanc* li kienet qed issegwih u mit-traffiku fuq il-karreggjata l-ohra. Anke hawn din il-Qorti ma ssibx raguni biex ma tadottax il-konkluzjoni tat-Tribunal, ukoll fir-rigward ta' l-isptarizzjoni tar-responsabilita`.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad kemm l-appell principali tal-konvenut kif ukoll l-appell incidentali ta' l-attur u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Kull parti thallas l-ispejjez ta' l-appell interpost minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------